

# Ħsibijieti waqt Żerniq Imbierek f'Selmun

Rita Gatt

Il-paċi li nħoss u s-sliem ta' madwari huma dawk l-elementi li lili jġegħluni nqum dejjem kmieni biex nistenna sbieħ il-jum iżernaq. Dawk il-waqtiet għalija huma talba siekta li nlissen ġo qalbi kull meta nkun fuq it-terrazzin tar-razzett, jew Għajn Ħadid, jew wara l-Fortizza Campbell, nistenna x-xefaq jitlewwen bl-istennija tal-miraklu tat-tlugħ ix-xemx. Il-ħemda li tirrrenja dawk il-ħinijiet hija tal-għaġeb saħansitra anki jekk ikun maltemp, riħ ivenven, sħana jew kesħa; kull staġun, ikun xi jkun, il-ħemda tħossha ġo fik, tħoss it-tama tbaqbaq ġo fik, tħoss serħan il-moħħ, tħoss li hemm id moħbija qed tgħannqek magħha u qalb kbira li timliek bil-kuraġġ.

Dawk il-waqtiet għalija nħossni li nitqarreb ħafna lejn dawk l-għeżież li llum m'għadhomx magħna. Nistħajjilhom jafu sew dawk l-imkejjen fejn inkun. Inġibhom quddiem għajnejja, jaħdmu u jħabirku beżlin bla waqfien minn sbieħ il-jum sad-dlam. Ifiġġu bla ma rrid l-uċuħ għeżież tan-nanniet tiegħi Ġużeppa u Pawlu tal-Qantora, ta' missieri Ġużeppi u ommi Salvina, iz-zija Gerit u z-ziju Karmnu u l-kuġini.

Inħares madwari u nilmaħ fi ħsibijieti lil missieri għadu tfajjel ċkejken qed jirgħa n-nagħaġ qalb ix-xagħri ta' madwar Selmun, lin-nanna Ġużeppa bil-maktur abjad qotna marbut ma' rasha twieżen felħana żewġ satliet bl-ilma minn fuq l-għajn, lin-nannu Pawlu jlibbes ix-xedd lill-ħmara biex jitlaq għal ġurnata oħra ta' xogħol iebes qalb il-ħbula tar-raba' li kellu. U bla ma rrid nistħajjel li qed inxomm l-irwejjaħ tal-kafè biċ-ċikwejra li kienet tagħtina n-nanna meta ninżlu mill-quddiesa fil-palazz għodu għodu. U nerġa' nistħajjel liz-ziju Karmnu, tiela' mill-isqaq wieqaf tal-Bajjad, jasal sal-isqaq ta' fejn ir-razzett tan-nanniet, b'ċurniena wara dahru, jgħolli ftit il-beritta u b'dik id-daħka fuq fommu joħroġ xi żewġ bettiħat jew dulligħat u jagħtihom lil ommi biex nikluhom wara l-ikel.

Elf ħsieb jgħaddi minn moħħi, u dejjem nirrealizza kemm jien ixxurtjata li f'ħajti kelli dawn in-nies għeżież, li għadhom sal-lum jgħallmuni napprezza dak kollu li jinsab madwar Selmun. Li Selmun huwa parti minni għax kien parti minn ħajjithom, li għarfu jgħadduli l-imħabba lejn dan l-irħajjel bil-mod ta' għajxien tagħhom, bl-użanzi tagħhom, bl-imħabba li kienet tilma fuq wiċċhom meta kienu jagħtuna xi ftit patata, xi biċċtejn tin taċ-ċappa mit-tin li kienu jkun qaddew huma stess, xi vażett kunserva milli kienu jkunu għamlu huma stess mit-tadam tal-Bajjad, xi vażett mimli tadam imqadded, xi borża mimlija ful imgiddem mill-ful tagħhom stess, jew xi platt mimli balbuljata mill-basal, tadam u bajd minn tat-tiġieġ li kienu jrabbu huma stess fil-gallinar ta' wara r-razzett. U fil-ħemda nissokta nhewden u naħseb…

Imma s-sbuħija ta' dan l-irħajjel mhix qiegħda biss fil-mogħdijiet imberflin b'ħitan tas-sejjieħ mill-isbaħ, mhix qiegħda fil-ftit giren li għad fadal, ma tinsabx biss fil-beraħ u l-ftuħ tal-kampanja tal-madwar, jew fil-ġarġir, il-lellux, il-kampanella, u l-basal tal-għansar, jew fis-siġar taż-żnuber, tal-ħarrub, tat-tin u l-pal tal-bajtar, jew minħabba l-palazz setgħani f'tarf l-għolja.

Dawn kollha huma attributi sbieħ u għonja li jsebbħu lil dan l-irħajjel imma l-vera sbuħija tiegħu tinsab fil-wirt għażiż li ħallewlna n-nanniet u l-bużnanniet tiegħi u ta' kull min kien twieled u għex hawn… il-wirt tal-imħabba lejn in-natura. Fil-qalba tar-ruħ ta' Selmun hemm elf qalb tħabbat siekta fl-għeruq tas-siġar, fix-xagħri mimlijin ġebel żonqri, fil-ħamrija taflija jew ħamri li żżejjen l-għelieqi selmuniżi u fil-ħbula tar-raba' li kienu l-għajxien ta' ħafna familji. Huma kienu li ħallewlna dan il-ġmiel ta' rħajjel. Huma kienu li għallmuna l-imħabba u r-rispett lejn in-natura, lejn l-art, lejn xogħol il-bidwi u lejn l-għażiż Selmun. U fis-skiet ta' qalbi, niżżihom ħajr u ngħannaqhom ilkoll miegħi.

U nħares madwari u nerġa' nistaqsi lili nnifsi, imnikkta sew, għax nafha t-tweġiba… imma tgħid dan hu l-istess Selmun li kienu jafu huma?

*Selmun - 16 t'Awwissu 2023*